2025/90717

17.9.2025

Rettifika tad-Direttiva (UE) 2024/2749 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2024 li temenda d-Direttivi 2000/14/KE, 2006/42/KE, 2010/35/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE fir-rigward tal-proċeduri ta' emerġenza għall-valutazzjoni tal-konformità, tal-preżunzjoni tal-konformità, tal-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni u tas-sorveljanza tas-suq minħabba emerġenza fis-suq intern

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L, 2024/2749, it-8 ta' Novembru 2024)

Fil-paġna 27, l-Artikolu 7, il-punt (2), li jikkonċerna l-Artikolu 38d(5) tad-Direttiva 2014/34/UE

minflok: "5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17, il-prodotti li jkunu konformi mal-istandards jew mal-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew partijiet minnhom, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali applikabbli stabbiliti fl-Anness II koperti minn dawk l-istandards, l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom. Mill-jum wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq intern, ma għandux jibqa' possibbli għall-manifatturi li jiddependu fuq il-preżunzjoni ta' konformità pprovduta mill-istandards jew mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.",

aqra: "5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12, il-prodotti li jkunu konformi mal-istandards jew mal-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew partijiet minnhom, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali applikabbli stabbiliti fl-Anness II koperti minn dawk l-istandards, l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom. Mill-jum wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq intern, ma għandux jibqa' possibbli għall-manifatturi li jiddependu fuq il-preżunzjoni ta' konformità pprovduta mill-istandards jew mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-atti ta'implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.".